**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 33**

**Il-Ħamis 11 ta' Ottubru 2021**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:30 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **33.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 33.1.1 | Xejn |
| **33.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 33.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 32 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 33.2.2 | Is-Sin. Elenia Desira ppproponiet u ssekondat Is-Sa Janice Chetcuti bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 32 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 33.2.3 | Is-Sur Daniel Zerafa daħal 10 min wara li bdiet il-laqgħa. |
| **33.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 33.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-23 ta' Settembru 2021, Is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal-ERA minħabba l-Bring in sites fejn ġie propost li isir waħda fil-Housing Estate. |
| 33.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fid-29 ta' Settembru 2021, Is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat kellhom laqgħa ġewwa l-Ministeru tat-Turiżmu fejn ġie diskuss il-Master Plan. |
| 33.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-6 t`Ottubru 2021, Is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal-ELC fejn ġie diskuss ic-Central strip ta' Bir id-Deheb int u dieħel Marsaxlokk. Is-Sindku qal li L-Minsitru xtaq li jkun hemm aktar ħdura f'dan il proġett. |
| 33.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-7 t`Ottubru 2021, Is-Sindku kellhu laqgħa mal-Ministeru tal-Biedja u Sajd, il-Pulizija u ma rappreżentanti mill-ERA sabiex jiġi diskuss l-illegal dumping li qed isir fuq landing bays. Is-sindku spjega kif f'żona partikolari qed ikun hemm illegal dumping u talab l-għajnuna mill cleansing sabiex jitnaddaf. |
| **33.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 33.4.1 | Is-Sinjura Janice Chetcuti staqsiet kif kienu baqgħu rigward 32.3.13 Fondi mill Europa Re konsulent kompetenti. Is sindku fakkar li kien hemm qbil sabiex imexxu fuq ir-roof garden. |
| 33.4.2 | Is-Sinjura Janice Chetcuti ukoll saqsiet rigward l-annimal wellfare u il-gwardjani ghall annimali is-sindku wieġeb li iddahlet l-applikazzjoni imma għadhom ma semgħu xejn. |

| | |
|---|---|
| **33.5** | **Masterplan** |
| 33.5.1 | Saret Diskussjoni fuq żvilupp tal-Masterplan u ġew diskussi proposti varj. Kien hemm qbil biex is-Sindku jkompli jiddiskuti f'isem il-kunsill mal-awtoritajiet kompetenti.<br><br>Id-diskussjoni tkompli f'laqgħat futuri. |
| **33.6** | **Commitment Letters- 3 different Entities.** |
| 33.6.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjega kif is-Sindku ser imexxi fuq l-ittri ma dawk l-entitajiet li ser jikru parti mill-binja l-ġdida tal-Kunsill. |
| **33.7** | **Meeting with Bank- Council Building.** |
| 33.7.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa u talab l-approvazzjoni sabiex issir laqgħa oħra mal-maniger tal-bank rigward il-Loan tal-Binja tal-Kunsill. Kien hemm qbil sabiex imexxu. Ġie mtarraf li kienet saret talba ta sel ta madwar €700,000 u stmat li dan is-self jitħallas fuq medda ta 15 il-sena. Rikavat mill kiri tal-entitajiet li ser jieħdu partijiet mill binja ser iservi biex jitħallas is-self. Charles spjega li bħala proġett ser ikun wieħed tajjeb ghaliex kif appena jitħallas is-self il kunsill ikollu dħul mill-kirjiet. Dan ipoġġi lil Kunsill f'pożizzjoni aħjar biex jgħati servizz aqwa lir-resident. |
| **33.8** | **Planning Authority** |
| 33.8.1 | Saret laqgħa mal-Era dwar il-pipeline fejn is-Sur Daniel Zerafa spjega kif kien hemm problema għaliex ma kienux mistiedna meta il-Kunsill jifforma parti mill-board. Daniel ser jattendi għall laqgha u ser jinforma lil kulhadd bli jintqal.<br><br>Kien hemm żewġ items oħra li ma kienux ta mportanza għall kunsill. Ġie rrimarkat li ittri li ntbgħatu għandhom ikunu rreġistrati.<br><br>Ħarġet enfocement notice tal port.<br><br>Rigward Tsunami ser ikun nhar il-5 ta' Novembru. Dakinhar Marsaxlokk għandu jiġi ikklirajat sabiex isir dan id-drill. Traffiku ikun mgħaluq, ħwienet magħluqin etc. |
| **33.9** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| 33.9.1 | Proponiet is-Sin. Elenia Desira u ssekonda s-Sur Stephen Caruana |
| **33.10** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 33.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17:25 wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021, fl-16:30. |

| | |
|---|---|
| 33.10.2 | Laqgħa Annwali Ġenerali ser issir nhar L-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021 fis-18:30. |
| 33.10.3 | Data Appuntata għall-laqgħa tal-Kunsill f'Diċembru hi l-Erbgħa 15 ta' Diċembru. |

Konfermati, illum 17 ta' Novembru 2021

**IFFIRMATA**

Steven Grech
Sindku

**IFFIRMATA**

Charles  Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv